MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 55/8

L-Erbgha 1 ta' Settembru 2021

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5:30pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

055.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

055.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti (53/8 [3/8/2021]) (54/8 [4/8/2021])

055.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

055.4 Taghrif dwar il-Bye Law dwar il-Kontroll tal-Hamiem;

055.5 Taghrif dwar il-Bye Law dwar il-Parkegg ikkontrollat;

055.6 Rapport ta` Evalwazzjoni: Tender GLC-01-2021 Mizura 4.4;

055.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

055.8 Rapporti;

055.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto – progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)
d. Ġnien Raymond Caruana – progress

055.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

055.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta neqsin ghoxrin ta` filgħaxija (5:40pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 055.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

## 055.2 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti (53/8 [3/8/2021]) (54/8 [4/8/2021])**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 54/8 nem con.

Il-Kunsillier S.Caruana talab sabiex Il-Minuti 55/8 jergghu jigu riveduti.

055.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

055.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghax-xoghlijiet taz-zebgha li hemm bzonn isiru fi Triq il-Palma sabiex dan isir kollu mill-gdid kif proponut minn TM. Apparti minn hekk is-Sindku talbet sabiex jitqabad kuntrattur biex il-Kunsill jara x`hemm bzonn li jsir fil-kaptella li tinsab fuq il-bankina. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

055.3.2 Is-Sindku ghamlet referenza ghal diversi talbiet li kien hemm sabiex jitnehha id-double yellow line li hemm man-naha tal-ghalqa fi Vjal it-Torri u jithalla biss sa` fejn taghti ligi li jrid isir. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

055.3.3 Is-Sindku ghamlet referenza ghall talba li kien hemm sabiex jigu nstallati road humps godda fi Triq J.Gravina. Is-Sindku proponiet sabiex nibghatu din it-talba lill-TM sabiex jigwidaw lill-Kunsill jekk dawn ghandhomx isiru. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

055.3.4 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-permessi ta` TM li ghandu l-Kunsill biex isiru road humps fi Triq Bir Miftuh. Is-Sindku qalet li bhalissa l-Kunsill ghandu permess ghal road hump wahda. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li jitlob ghall-permess biex ssir road hump fil-bicca fejn tigi ghan-nizla u ohra fejn il-Gnien.

055.3.5 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-talba li kien hemm sabiex isir un/loading bay fi Triq R.Caruana quddiem haunt tal-haxix. Il-Kunsill qabel li naghmlu din it-talba ma` TM biex jinghata l-permess.

055.3.6 Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jerga` jinforma lill-TM sabiex jintbghat it-traffic management tal-area ta` Xlejli.

055.3.7 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-one way li saret fi Triq il-Kbira. Il-Kunsillier S Caruana qal li ghad hemm whud li qeghdin jghaddu one way minn filghodu kmieni u talab sabiex ikun hemm aktar assistenza tal-ufficjali tal-LESA. Is-Sur Caruana qal ukoll li minn Triq San Pawl u Triq De

Warsbergh qeghdin jghaddu wkoll one way. Is-Sindku spjegat wkoll li kien hemm proposta minn naha tal-LESA sabiex Triq iz-Zebbuga tigi one way minn naha tal-ajruport. Il-Vici Sindku ghamlet referenza ghat-tabelli tal-one way li hemm fi Triq Hal-Resqun, fejn talab sabiex dan jitressqu aktar `il quddiem sabiex wiehed jarhom mill-ewwel u mhux jilhaq jidhol fit-triq biex jarhom.Il-Kunsillier MA Sammut ghamel referenza ghal Triq Hal Safi u Triq tal-Kappella sabiex dawn jigu one way, wahda tohrog minnha u l-ohra tidhol. Is-Sindku qalet li kien hemm approvazzjoni ta` TM imma minn Triq il-Kappella ma tisghtax tmur lejn l-ajruport. Il-Kunsill qabel li jerga` jinforma lill-TM u ssir ghall-prova ta` tlett xhur.

Fis-7pm il-Kunsilliera M Micallef talbet biex tigi skuzata mill-laqgha.

055.3.8 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-attivita li tellghet mill-kordinatur ta` Skola Sajf bl-isem Green Day, fejn tfal hawwlu sigra fil-Gnien R.Caruana. Ghal din l-attivita attendew is-Sindku u l-Kunsilliera M Micallef.

055.3.9 Is-Sindku qrat ir-rapport li gie mhejji mill-contracts manager dwar is-servizzi li qed jinghataw mill-kuntratturi tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li t-tisqija baghqet l-aktar problema li qed ikun hemm mill-kuntrattur tal-gonna. Il-Kunsillier S Caruana propona li l-Kunsill jiccekja ma` Ambjent Malta jekk hemmx xi ghajnuna minn naha taghhom minhabba s-sistema tal-irrigation.

055.3.10 Is-Sindku talbet sabiex jintalab meeting mall-Greenpak minhabba l-bring in sites.

055.3.11 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand ir-Regjun Nofsinhar dwar applikazzjoni li giet ssottomessa dwar installazzjoni ta` charging ghall-erbgha e-bikes fil-lokalitajiet tar-Regjun.

055.3.12 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva dwar il-kampanja Water Be the Change, fejn qed jintalab permess sabiex tinghata no objection tal-Kunsill sabiex jhallu l-vettura taghhom fi Triq San Mark biex ikunu jisghtu jqassmu l-apparat. Dwar dan il-Kunsill ma kellu l-ebda ogezzjoni.

055.3.13 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-applikazzjoni tal-Skema ta` Restawr ta` Postijiet Storici ma gietx accettata. Il-Kunsill talab spjegazzjoni lid-Dipartiment ghala din l-applikazzjoni ma gietx accettata.

055.3.14 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-ittra li waslet minghand resident dwar il-htiega li tigi installata zebra crossing f`Dawret il-Gudja ghas-sigurta ta` nies li juzaw din it-triq biex jidhlu fil-Gudja. Is-Sindku talbet sabiex ghal darb`ohra l-Kunsill jerga` jressaq din it-talba ma` TM.

**055.4 Taghrif dwar il-Bye Law dwar il-Kontroll tal-Hamiem**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-bye law dwar il-kontroll tal-hamiem kienet giet approvata u li fil-jiem li gejjin il-Kunsill kien ser jircievi korrispondenza minn naha tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Dwar l-ghalf li ser jigi provdut mill-AKL, il-Kunsill gie nfurmat li l-konsenja minn barra waslet biex tasal biex dan jibda jitqassam lill-Kunsilli.

**055.5 Taghrif dwar il-Bye Law dwar il-Parkegg ikkontrollat**

Wara diskussjoni dwar il-problema tal-parkegg fil-lokalita, is-Sindku proponiet li tintalab laqgha ma` TM dwar il-bye law tal-parkegg ikkontrollat jew biex tinstab soluzzjonijiet ohra li jtaffu minn din il-problema. Dwar dan kien hemm qbil li ssir din il-laqgha.

**055.6 Rapport ta` Evalwazzjoni: Tender GLC-01-2021 Mizura 4.4**

Gie prezentat ir-Rapport ta` Evalwazzjoni tas-sejha ghall-offerti ghal xoghlijiet ta` restawr fuq hitan tas-sejjieh fil-Gudja. Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport u ghalhekk il-kumpanija S Spangol Construction Ltd ser taghmel dan ix-xoghol ghaliex kienet l-irhas offerta.

**055.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

055.7.1 Il-Kunsillier MA Sammut talab sabiex il-Kunsill jerga` jressaq it-talba sabiex isir ATM fil-lokalita.

055.7.2 Il-Kunsillier MA Sammut talab sabiex jigi ffirmat il-kuntratt li ser isir mas-Socjeta Filarmonika La Stella minhabba l-monument. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien applika f`isem l-Ghaqda mall-PA.

055.7.3 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghal railing li sar fejn l-skola fejn qal li dan qabel kien tal-stainless steel u issa sar tal-hadid. Is-Sur Caruana staqsa fejn kien spicca dan ir-railing tal-stainless steel.

055.7.4 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir aktar infurzar mill-ufficjali tal-LESA minhabba l-hmieg tal-klieb.

055.7.5 Il-Kunsillier S Caruana staqsa jekk kienx hemm xi zvilupp jew twegiba minn naha tal-MCAST dwar ix-xoghlijiet li jridu jsiru quddiem il-Kapella ta` Santa Katerina fi Triq R.Caruana.

055.7.6 Il-Vici-Sindku nforma lil dawk prezenti li x`aktarx kienu ser jitwahhlu xi tabelli mill-Kunsill ta` Hal-Ghaxaq fejn il-Knisja ta` Loretu.

055.8 **Rapporti**

Ma kienx hemm.

055.9 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

**a. Triq iż-Żebbuġa – progress**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar il-laqgha li saret mall-perit tal-IM fil-prezenza mar-rapprezentanti tal-kazin La Stella u tal-Parrocca dwar il-pavimentar ta` Triq iz-Zebbuga u sabiex jitghaddew is-servizzi minn taht l-art. Is-Sindku qalet li IM tista` taghmel it-triq bis-servizzi godda u tasal sal-konkos u l-pavimentar issir mill-Kunsill.

**b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress**

Is-Sindku ghamlet referenza ghax-xoghlijiet li nbdew fi Triq Santa Katerina u Triq J.Pace, fejn qalet li bhalissa ghaddejin diskussjonijiet mall-WSC minhabba l-main tal-ilma li jrid jinbidel. Is-Sindku ziedet tghid li ma kellhom isiru certu kummenti fuq dak li qed isir bhalissa fuq is-siti socjali. Is-Sindku qalet li qabel mhux ma kienx isir xoghol tajjeb imma kien isir xejn. Is-Sindku kompliet billi qalet li l-Kunsill dejjem wera x`kienet is-sitwazzjoni u ghalhekk ghamel ftehim ma` IM biex ix-xoghol hazin jitranga ghas-spejjez taghhom.

Il-Kunsillier MA Sammut qal li m`ghandu bzonn ta` l-ebda permess biex in-nies ninfurmawhom ta` kif inhuma l-affarijiet. Is-Sur Sammut zied jghid li jidher li IM diga` hallset il-kuntrattur taghha ta` xoghol li sar mit-taxxi ta` nies. Is-Sur Sammut qal li parti kbira ta` triq saret minghajr xibka u l-main tal-ilma qieghed fil-wicc. Is-Sur Sammut qal li residenti ghandhom id-dritt li jkunu jafu x`gara. Is-Sur Sammut ghamel referenza ghall-konversazzjoni li kien hemm bejn il-kuntrattur u s-Sindku fejn qal li s-Sindku talbet lill-kuntrattur biex lill-kunsillier ma tghidlu xejn. Is-Sur Sammut qal li l-ewwel telefonata kif kien jaf x`kien qed jigri saret lis-Sindku biex jinfurma bil-problema.Is-Sindku qalet li hija ghandha tkun l-ewwel persuna li tkun taf bil-problemi li jinghqalu.

Il-Kunsillier MA Sammut talab sabiex isir laqgha urgenti mall-perit u rapprezentatni tal-IM sabiex jigu solvuti dawn il-problemi li nqaghlu. Is-Sur Sammut talab sabiex tigi mghoddija kopja ffirmata tal-kuntratt li l-Kunsill iffirma ma` IM.

Il-Vici-Sindku JM Calleja qal li dwar il-qsari u sigar hemm bzonn li jitnehhew. Hadd ma jista` jhawwel go triq.

c. **Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)**

Giet prezenta Change Request biex jigi mgedded iz-zmien sal-31 ta` Dicembru 2021. Il-Kunsill approva din ic-change request unanimament.

d. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
e. **Ġnien Ġlormu Cassar – progress**

055.11 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-lista ta' pagamenti nru 28/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier S Caruana u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta' €9,501.42 u ġiet approvata nem con.

055.12 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u ghoxrin ta` filghaxija (8.20pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar it-Tlieta 28 ta` Settemnru 2021 fil-5.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 28 ta` Settembru 2021

| | |
|---|---|
| ffirmati | ffirmati |
| Dr. Marija Sara Vella | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |